## 14 ta' Diċembru, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Pasquale Zerafa *versus* Carmelo Gauci

### Danni — Responsabilità Ċivili Indiretta — Minuri — Kważi-Delitt — Art. 1077 tal-Kodiċi Ċivili

*Kull min għandu l-kura ta' minuri hu obligat għall-ħsara li jagħmel dak il-minuri, meta huwa ma jkunx ħa ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix.*

*Fondament ta' dina r-responsabbiltà indiretta hu n-nuqqas ta' diliġenza li l-persuna indirettament responsabbli kien imissha tippresta; u għalhekk hemm bżonn li jiġi pruvat illi l-persuna preżunta responsabbli għall-fatt ta' ħadd ieħor tat okkażjoni għal dak il-fatt bi ħtija tagħha proprja.*

*Għax f'dan il-każ si tratta ta' kważi-delitt, fejn hija rikjesta l-ħtija da parti tal-persuna responsabbli. Mhux neċessarju li jkun hemm kważi-delitt da parti ta' l-awtur tal-fatt, għax il-persuni dikjarati responsabbli mill-liġi huma tenuti mhux minħabba l-ħtija ta' min ikkommetta l-fatt, imma mħabba l-ħtija tagħhom proprja, billi ma mpedewx il-fatt; u jirrispondu appuntu għaliex ittraskuraw id-dover tagħhom.*

*Għaldaqstant, missier, biex jiġi dikjarat responsabbli ta' danni kommessi minn ibnu minuri, hemm bżonn li jiġi pruvat li l-minuri kkommetta l-ħsara, li l-minuri kien taħt il-kura tiegħu, u li l-missier ma użax id-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja, anzi ommetta l-viġilanza neċessarja fuq ibnu, biex jipprevjeni l-fatt ta' ibnu.*

*Rigward din il-kura, hu ġeneralment ammess li din il-kelma hija adoperata fil-liġi f'sens lat, jiġifieri ta' kustodja attwali indepen-*

*dentement jekk kienetx akkompanjata jew le bid-drittijiet u d-doveri tal-kura ta' dawk il-persuni li jitnisslu mill-patrija potestà, tutela jew kuratela. Imma fil-missier hija riposta l-kura tal-minuri; u mhix il-preżenza tiegħu materjali li tirrendieh responsabbli, iżda d-direzzjoni u l-kura li skond il-liġi huwa għandu tat-tfal minuri, li torbtu f'dan il-kamp; b'mod li anki jekk iħalli t-tfal minuri taħt il-kura ta' ommhom, ir-responsabbiltà tiegħu ma tispiċċax, sakemm huwa jibqa' jeżerċita l-patrija potestà. Imma jibqa' dejjem li jeħtieġ jiġi pruvat li l-missier naqas mill-viġilanza fuq ibnu li timponilu l-liġi; u jekk din il-prova ma ssirx, huwa ma jistax jiġi ritenut responsabbli għall-ħsara li tiġi kaġunata mit-tifel tiegħu minuri.*

Il-Qorti; Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jippremetti illi fil-15 ta' Frar 1955 Victor Gauci, iben minuri tal-konvenut, xeħet għatu tal-landa, li laqatlu wiċċ sieqa, u kkaġunalu ferita li damet ma fieqet ħmistax il-ġurnata; u illi huwa, minħabba din il-ferita, kellu jfalli mix-xogħol għal sittax il-ġurnata, u kellu jħallas 15s. lit-tabib kuranti u jixtri mediċini li swewlu 3s. 6d.; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u prevja, jekk hemm bżonn, dikjarazzjoni li l-konvenut ma ħax kura ta' ibnu minuri Victor Gauci, il-konvenut jiġi kundannat jħallsu in linea ta' danni dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti, anki jekk hemm bżonn bl-opra ta' periti nominati, għat-telf ta' xogħol u spejjeż għall-kura minnu nkorsi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' April 1955, kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, l-fatti li taw lok għall-kawża huma dawn. Fil-15 ta' Frar 1955, f'xi s-1.30 p.m., it-tifel tal-konvenut, Victor Gauci, ta' xi 9 snin, kien sejjer lejn l-iskola flimkien ma' żewġt itfal oħra, Victor Grech u Joseph Catania. It-tliett itfal kienu qegħdin jilgħabu, u Catania qabad għatu ta' bott tal-landa li kien fit-triq u waddbu ma' l-art biex jimxi bħal ċirku, u li meta waqaf spiċċa f'nofs it-trieq. It-tifel tal-konvenut qabad dak il-għatu minn fejn kien u tefgħu ġo l-għalqa li hemm fejn l-iskola. F'dik l-għalqa kien hemm l-attur qie-

għeď iahdem, jongor il-ġebel, u dak il-għatu, meta tefgħu Victor Ciauci, ġie fuq wiċċ siequ u kkaġunalu l-ferita msemmija fiċ-ċitazzjoni. L-attur jippretendi illi l-konvenut hu responsabbli tal-att ta' ibnu, għaliex ma ħax kura sewwa tiegħu;

Illi l-perit legali ssottometta illi l-konvenut uża l-viġilanza tiegħu ta' missier tajjeb tal-familja, ossija dik il-kura li l-liġi tirrikiedi biex tehles lill-persuni li għandhom ħsieb ta' minuri mir-responsabbiltà ċivili indiretta għad-danni li jkun jistgħu jagħmlu, u għalhekk huwa ma għandux jirrispondi għad-danni pretiżi mill-attur;

*Ikkunsidrat;*

Illi l-azzjoni tal-attur hi diretta prinċipalment għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà ċivili indiretta tal-konvenut, sabbilita fl-art. 1077 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi "kull min għandu l-ħsieb ta' wieħed minuri........ hu obligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri........ meta huwa ma jkunx ħa ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix". Fondament ta' dina r-responsabbiltà indiretta, jew tar-responsabbiltà għall-fatt ta' ħaddieħor, u ta' l-obbligu li joħroġ minnha, hi l-preżunta ntija ta' min ikun tenut responsabbli indirettament; liema preżunta ntija hi fondata fuq in-nuqqas ta' diligenza li l-persuna indirettament responsabbli kienet imissha tippresta. Issa, wieħed hu obligat għall-att ta' ħadd ieħor meta dan il-fatt ikun imputabbli, jiġifieri jkun ġara minħabba ħtija tiegħu; u għalhekk irid jiġi pruvat illi l-persuna preżunta responsabbli għall-fatt ta' ħadd ieħor tat okkażjoni għal dak il-fatt bi ħtija tagħha proprja;

*Si tratta*, għalhekk, minn każ ta' *kważi-delitt*, fejn il-ħtija tal-persuna indirettament responsabbli hi biss preżunta "*juris tantum*", u għalhekk trid tiġi pruvata (Vol XXVI-II-92). U ladarba r-responsabbiltà għall-ħtija ta' ħaddieħor hi kważi-delitt, jiġi illi l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-eżistenza tal-*kważi*-delitt huma wkoll rikjesti għal din ir-responsabbiltà. Jeħtieġ għalhekk (1) illi jkun hemm ħsara, (2) illi jkun hemm il-ħtija da parti tar-res-

ponsabbli, (3) u illi jkun hemm il-fatt li minnu *tirriżulta* l-ħsara; liema fatt jista' jikkostitwixxi hu stess kważi-delitt. Imma mhux neċessarju illi jkun hemm kważi-delitt da parti tal-awtur tal-fatt, biex titnissel l-obligazzjoni tarriżarċiment tad-danni a kariku tal-persuni li l-liġi *tiddikjara* responsabbli; għaliex dawn il-persuni huma tenuti mhux minħabba l-ħtija ta' min ikkommetta l-ħsara, minħabba l-ħtija tagħhom proprja, billi ma mpedewx il-fatt; u jirrispondu appuntu għaliex ittraskuraw id-dover tagħhom (Laurent, Diritto Civile, Vol. XX, para. 552). Għalhekk din ir-responsabbiltà mhix dik ta' persuna għall-atti magħmula minn ħadd ieħor, imma dik ta' illegali ommissjoni proprja ta' dik l-persuna;

Dan iġib għall-konsegwenza li, biex id-dikjarazzjoni mitluba mill-attur tiġi milqugħa, hemm bżonn illi jiġi pruvat illi l-attur sofra ħsara bil-fatt kommess minn Victor Gauci, illi meta Victor Gauci kkommetta dak il-fatt huwa kien minuri u kien taħt l-kura tal-konvenut, u illi l-konvenut ma wżax id-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja, anzi ommetta l-viġilanza neċessarja fuq ibnu biex jipprevjeni dak il-fatt;

Illi mhux f'kuntrast illi l-attur sofra ħsara b'fatt kommess minn Victor Gauci meta dan kien minuri u kien jinsab taħt il-kura ta' missieru, il-konvenut. Rigward din il-"kura", hu ġeneralment ammess illi din il-kelma hi adoperata fil-liġi f'sens lat, jiġifieri ta' kustodja attwali, indipendentement jekk kienetx akkompanjata jew le biddrittijiet u d-doveri tal-kura ta' dawk il-persuni li jitnisslu mill-patrija potestà, tutela jew kuratela; u fil-ħin talfatt il-konvenut mhux biss ma kienx ma' ibnu, imma anzi, minn xi l-4 a.m., kien imbiegħed minnu għaliex kien fuq ix-xogħol, u huwa kien ħallieħ ma' martu. Imma, kif ġie ritenut, fil-missier hi riposta l-kura tal-minuri; u mhix ilpreżenza materjali tal-missier li tirrendieħ responsabbli, iżda d-direzzjoni u l-kura li għandu skond il-liġi tat-tfal minuri, li torbtu f'dan il-kamp. U anki jekk il-missier iħalli t-tifel minuri tiegħu taħt il-kura tal-omm, din ir-responsabbiltà tiegħu ma tispiċċax, sakemm jibqa' jeżerċita l-patrija potestà (Vol. XXXIII-II-183);

Illi, però, ma jistax jingħad — u l-attur ma ġieb ebda prova dwar daqshekk — illi l-konvenut naqas mill-viġilanza neċessarja fuq *ibnu, li timponilu* l-liġi, u li għalhekk huwa għandu jiġi tenut responsabbli għall-fatt kommess minn ibnu. Kif issottometta l-perit legali, qabel ma ġara l-fatt ġa diversi drabi msemmi, il-konvenut qatt ma rċieva xi lamenti dwar l-imġieba ta' ibnu *li setgħu jġiegħluh jippresta* attenzjoni akbar minn dik ordinarja għar-rigward tiegħu. Huwa kien joħroġ mid-dar għax-xogħol filgħodu *kmieni, f'xi l-4 a.m.,* u *jirritorna* f'xi t-8 p.m.; it-tifel kien iħallieh taħt il-kura ta' martu, kif ordinarjament jiġri; u ommu kienet tibgħatu l-iskola. Wara kollox, u għal dak li jista' jinfluwixxi fuq il-każ, jingħad illi l-fatt kommess minn Victor Gauci, u li biħ l-attur sofra ħsara, lanqas ma *jidher* għal kollox illi **kien** fatt li kellu jiġi prevenut. Victor Gauci ra dak **il-għatu tal-landa** f'nofs it-triq; huwa ġabru minn hemm **biex ma** jintrifisx; biex ma jħallieħx lanqas *fuq il-bankina, tefgħu fil-għalqa, li,* kif jammetti l-attur, *hi* żdingata; qabel ma tefgħa l-għatu, Victor Gauci ttawwal ġo l-għalqa biex jara kienx hemm xi ħadd ġo fiha, u ma ra l-ħadd, ċirkustanza *li tinsab korroborata mill-attur, li jgħid* illi minn fejn kien fil-għalqa ma kienx jidher minn naħa fejn kien Victor Gauci. Barra minn dan, il-għatu mar fuq wiċċ sieq l-attur minħabba r-rieħ qawwi li nzerta kien dak inhar; jiġifieri Victor Gauci **tefgħa** l-għatu *f'direzzjoni,* u kien ir-rieħ li ħadu f'direzzjoni **oħra**, jew dik fejn kien l-attur; mbgħad inzerta wkoll illi **dak** inhar kienet l-ewwel **darba *li*** l-attur kien *neħħa* s-sandli li soltu kien jilbes;

Illi dawn iċ-ċirkustanzi juru illi l-fatt kommess minn Victor Gauci ma kienx tali li missier tajjeb tal-familja kellu ordinarjament jipprevenieħ. Kif jgħid il-Baudry (Obbligaz. Vol.IV, para.*2899*):- "*La responsabilita' si estende, in* modo generale, a tutti quegli atti dei figli minori che la sorveglianza dei genitori avrebbe potuto prevenire. Così essa sorge in conseguenza di disgrazie cagionate da giuochi *pericolosi tra fanciulli della medesima età senza la sorveglianza* dei genitori". Hu x'inhu, ma jistax jingħad illi l-konvenut ommetta l-viġilanza ordinarja ta' missier tajjeb tal-familja *fuq ibnu minuri, meħuda f'konsiderazzjoni,* kif is-

sottometta l-perit legali, il-klassi soċjali, u l-kondizzjoni tiegħu. F'dan is-sens l-istess awtur jgħid hekk (ibid. para. 2905):— "............... *Il padre, il quale, trattenuto per la necessità della sua professione fuori della sua dimora, abbia preso, per assicurare ai suoi figli una educazione morale o una sorveglianza continua, tutte le precauzioni compatibili colla sua condizione sociale, li obblighi a frequentare assiduamente la scuola, nell'intervallo delle lezioni li fa sorvegliare dalla madre, non potrebbe essere dichiarato responsabile del danno arrecato da uno dei suoi figli, il quale abbia, ad esempio, appiccato il fuoco ad un mucchio di foraggi appartenenti ad un terzo, allorchè, da una parte il ragazzo, nel momento in cui commise questo atto ritornava dalla scuola e si trovava a portata di vista della madre, e dall'altra parte nulla prova che gli zolfanelli coi quali egli ha attaccato il fuoco furono asportati dalla casa dei suoi genitori*";

Għalhekk id-dikjarazzjoni u d-domandi konsegwenzjali mitluba mill-attur ma jistgħux jiġu milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-perizja legali, miġjuba fl-ewwel parti tagħha;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.